**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 809/2023**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Keith Caruana Darmanin)**
**-Vs-**
**RITA XIBERRAS**

**Illum, 14 ta' Lulju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **RITA XIBERRAS** ta' 63 sena, bint Anthony u Francis Galea nee' Chircop, imwielda nhar it-23 ta' Ġunju 1960 u residenti 157, Triq San Mikiel, Birzebbuga, detentriċi tal-karta tal-identita' 0416060M, li tressqet quddiemha akkużata talli bejn Awwissu 2021 u Settembru 2023 f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiskru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:-

1. Iffalsifikajt cedola, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom ħlas, jew jieħdu l-kunsinna ta' oggetti jew jiġbor

depożitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b xi’ att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli xjentament għamilt użu minn wahda mill-karti ffalsifikati msemmijin fl-artikoli 166, 167 u 168 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli ghamilt falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi ħloqt pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħalt dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet obbligi jew ħelsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi żidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentament ghamilt uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli, għamilt jew tajt dikjarazzjoni falza jew ċeritifikat falz;

6. U aktar talli sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalik innifsek jew għal ħaddieħor, f’xi dokumenti maħsub għal xi awtorita’ pubblika, xjentement għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tajt tagħrif falz ;

7. U aktar talli b’mezzi kontra l-ligi, jew billi għamit użu ta’ ismijiet foloz, jew ta, kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b’qerq ieħor, ingann jew billi wrejt ħaġa b’oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta; intraprizi foloz, jew ta ħila setgħa fuq ħaddieħor jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qligħ ta’ aktar minn ħamest elef euro €5,000 bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta’ Malta u /jew xi entita u/ jew entitajiet ohra;

8. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, għamilt qligħ ieħor b'qerq ta'aktar minn ħamest elef euro (€5,000).

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat ghal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputata waqt l-eżami twieġeb li mhux ħatja tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-22 ta' Novembru 2024 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

1. Fl-artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Fl-artikoli 15A, 17, 18, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputata waqt l-udjenza tal-25 ta' Novembru 2024 tiddikjara li m'għandhiex oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;,

Semgħet ix-xhieda tal-espert ġudizzjarju Prof. Andrew Borg u rat ir-relazzjoni tiegħu Dok. AB;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2025;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi bħala sfond jidher li l-akkużi fil-konfront tal-imputata, Rita Xiberras, nibtu minn investigazzjoni iktar wiesa' tal-Pulizija in konnessjoni ma' ħlasijiet ta' severe disability allowance li ġew perċepiti minn diversi individwi li kienu applikaw mad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali abbażi ta' ċertifikati mediċi li rriżulta li kienu falsifikati. Minn investigazzjoni tal-applikazzjoni li saret lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali f'isem l-imputata biex titqies bħala persuna severament disabilitata minħabba l-kundizzjoni ta' *muscular dystrophy*, irriżulta lill-Pulizija illi ċ-ċertifikati u rapporti mediċi li ġew sottomessi b'rabta mal-applikazzjoni, kienu falsifikati.

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi li tressqu quddiem il-Qorti, jirriżulta li fl-10 ta' Marzu 2021 kien ġie sottomess lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali b'mod elettroniku, applikazzjoni għall-ħlas ta' assistenza għal Diżabilita' Severa f'isem Rita Sciberras bil-karta tal-identita' bin-numru 416060M[1], liema applikazzjoni ġiet akkumpanjata minn 'Rapport tal-Ispeċjalista'[2] li jidher iffirmat u ttimbrat minn Dr. Anthony Galea Debono bid-data tas-6 ta' Frar 2021, liema rapport jimmarka b'mod speċifiku fil-lista ta' kundizzjonijiet mediċi jew mard li dwarhom qed jintalab il-ħlas tal-assistenza, il-kundizzjoni ta' *muscular dystrophy*. Flimkien mal-applikazzjoni ġie sottomess ukoll dikjarazzjoni datat 10 ta' Marzu 2021 (Doc 3) u ffirmat minn Rita Sciberras fejn ikkonfermat il-veraċita' u kompletezza tat-tagħrif sottomess fl-

[1] Doc. 1 – parti minn Dok. MB1.
[2] Doc. 2, parti minn Dok. MB1.

applikazzjoni, fost dikjarazzjonijiet oħrajn. Fil-file fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali dwar din l-applikazzjoni f'isem l-imputata (Dok. MB1), wieħed isib ukoll (i) kopja ta' ċertifikat datat 12 ta' Lulju 2021 maħruġ minn Dr. Silvio Grixti riferibbilment għall-pazzjenta Rita Sciberras, fejn ingħad li d-dijanjosi ta' muscular dystophy sar wara nuqqas progressiv ta' saħħa fis-saqajn matul is-snin (Doc. 4), (ii) kopja ta' ċertifikat li jidher li huwa maħruġ u ffirmat minn Dr. Ruth Galea (Doc. 6) li wkoll tiċċertifika li Rita Sciberras tbati minn 'Duchenne *muscular dystrophy*' u (iii) rapport tal-Medical Panel datat 26 ta' Awwissu 2021, iffirmat mit-tobba bin-numru ta' reġistrazzjoni 1491 u 1778. Tabilħaqq mill-provi jirriżulta illi l-imputata dehret quddiem l-imsemmi Medical Panel kompost minn Dr. Taygeta Firman (numru ta' reġistrazzjoni 1778) u Dr. Robert Galea (numru ta' reġistrazzjoni 1491), li ċċertifika lill-imputata bħala persuna gravement disabilitata minħabba l-kundizzjoni ta' *muscular dystrophy* (immarkat fil-paragrafu 'c' fl-ewwel faċċata tal-Medical Panel Report)[3].

Jirriżulta wkoll illi l-applikazzjoni tal-imputata biex tirċievi assistenza għal diżabilita' severa ġiet approvata mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali għaliex bejn it-13 ta' Marzu 2021 u s-6 ta' Ottubru 2023 l-imputata irċeviet mingħand id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali s-somma totali ta' €17,935.32 in linea ta' ħlas ta' assistenza għal diżabilita' severa, liema ħlas kien jiġi depożitat kull xahar fil-kont bankarju tal-imputata ma' Bank of Valletta p.l.c.[4]

Dr. Robert Galea fix-xhieda tiegħu ikkonferma li d-deċizjoni tal-Medical Panel biex jiċċertifika lill-imputata bħala persuna gravement disabilitata ittieħdet abbażi taċ-ċertifikat maħruġ minn Dr. Malcolm Vella (Doc. 6) għaliex "*mhemm ħadd aħjar minn newrologu biex jiċċertifika xi ħadd li jbati minn muscular dystrophy*" u għalhekk, "*on the strength of that certificate ovvjament għidna li tikkwalifika, għandha waħda minn dawk il-kundizzjonijiet ...*"

[3] Doc. 5 (parti minn Dok. MB1) f'paġna 52 tal-atti.
[4] Kont numru 13506329010 – statement Dok. LA1.

L-imputata taqbel u stqarret espressament quddiem il-Qorti li hija ma tbatix mill-kundizzjoni ta' *muscular dystrophy* iżda minn kndizzjoni li hija simili ħafna, ċioe' myelopathy[5].

Fl-istqarrija li rrilaxxat waqt l-interrogazzjoni fit-22 ta' Settembru 2023, l-imputata ddikjarat li Dr. Silvio Grixti huwa t-tabib tal-familja kollha tagħha, u kienet ilha ħafna żmien pazzjenta tiegħu tant illi lanqas kien ikun irid flus għall-viżti. Kienet tmur għandu minħabba l-uġigħ kontinwu li jkollha f'daharha, liema uġigħ kien jinżel ukoll f'saqajha u kienet tispiċċa bla saħħa. Kien irriferiha l-Isptar Mater Dei biex tagħmel MRI scan fejn kien irriżulta li għandha fluwidu fis-sinsla tad-dahar li hija kundizzjoni li ma tistax tiġi kkurata tant illi tista' wkoll eventwalment tispiċċa f'wheelchair. It-tabib kien taha karta ġo envelop biex tieħdu fil-'Labour Office' taż-Żejtun.

L-imputata xehdet[6] illi hija pensjonanta u ilha għal dawn l-aħħar tnax-il sena tbati b'daharha minħabba xi fluwidu fis-sinsla li jaffettwa wkoll in-nervituri ta' saqajha bir-riżultat li tbati biex timxi mingħajr ma tistrieħ wara ftit passi. It-tabib tal-familja tagħha, Dr. Silvio Grixti, li huwa t-tabib li l-familja kollha jmorru għandu għal kull ħaġa li jkollha x'taqsam mas-saħħa, darbtejn kien irriferiha l-Isptar biex tagħmel MRI scan għaliex kien xtaq ħafna jipprova jfejjaqha, iżda meta ra r-riżultat kien qalilha li mhemmx fejqan għall-kundizzjoni li għandha u tista' anke tispiċċa f'siġġu tar-roti eventwalment. Fil-fatt maż-żmien il-mixja tagħha nbidlet u bdiet titlef il-bilanċ. Fl-2021, meta ra r-riżultat tal-MRI scan, it-tabib kien qalilha li tbati bil-kundizzjoni ta' myelopathy u tista' tapplika biex tieħu xi benefiċċji soċjali minħabba din il-kundizzjoni, u mxiet ma' dak li kien qalilha t-tabib, li kienet tafdah b'għajnejha magħluqin. It-tabib kien taha enevelop magħluq u kien qalilha biex tmur bih għand is-servizzi soċjali u hemmhekk kienet ħallietu mal-iskrivan. Kienet dehret quddiem bord ta' tliet persuni u eventwalment ġiet mgħarrfa kienet tikkwalifika biex tieħu xi benefiċċji u kienet marret lura għand it-tabib biex tgħidlu.

---

[5] Ara dikjarazzjoni reġistrata fil-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar 2024.
[6] Xhieda tal-10 ta' April 2025.

L-imputata ikkonfermat illi l-firma fuq id-dikjarazzjoni (Doc 3) datat 10 ta' Marzu 2021 hija tagħha u kitbet ukoll l-isem 'Rita Sciberras' fuq l-istess dokument meta kienet għand it-tabib u kien lestilha l-karti fl-envelop. Ma kienetx ħallset lit-tabib talli kien lestilha l-karti iżda kienet ħallsitu għall-viżta bħas-soltu, għalkemm qatt ma ried flus mingħandha. Iżda meta għarrfet lit-tabib li l-applikazzjoni ġiet aċċettata u ma riedx flus lanqas, bdiet taħseb biex tixtrilu rigal għaliex qatt ma kien iżommilha flus.

Din il-verżjoni xehditha wkoll Kerby Sciberras, bint l-imputata, li xehdet[7] illi ommha ilha madwar l-aħħar għaxra jew ħmistax-il sena muġugħa b'saqajha u ma tkunx tista' timxi fit-tul u dejjem ġejjin u sejrin għand it-tabib tal-familja Dr. Silvio Grixti. Kien bagħat lil ommha biex tagħmel MRI scans l-Isptar u kien irriżulta li l-gel tas-sinsla kien ittiekel kollu bir-riżultat li l-irkiekel kienu qed jaħbtu ma' xulxin u dan kien jaffettwa wkoll il-bilanċ f'saqajha. It-tabib kien qalilhom li m'hemmx fejqan għall-kundizzjoni u għalkemm ommha kienet marret għand fiżjoterapista, kien kollu għalxejn. Hi kienet akkumpanjat lil ommha għand it-tabib meta kien lestilha l-karti biex teħodhom fid-dipartiment tas-sigurta' soċjali u kien tahom envelop magħluq. It-tabib ma kienx qalilhom li kien qed jagħmel xi ħaġa li seta' jġibhom fl-inkwiet għaliex kieku żgur ma kienux jidħlu għal din il-biċċa xogħol u għalhekk ma kienx għaddilha minn rasha biex tiftaħ il-karti li kien tahom it-tabib. Għaddew l-enevelop lid-dipartiment li ma kienx infetaħ quddiemhom. Imbagħad ommha rċeviet mingħand id-dipartiment tas-sigurta' soċjai u hi kienet bagħtet messaġġ lil Dr. Silvio Grixti biex tgħarrfu.

Minn eżami tar-relazzjoni tal-perit mediku Prof. Andrew Borg, jirriżulta li fil-5 ta' Awwissu 2014 l-imputata kienet eżaminata minn Prof. Kevin Cassar li stabbilixxa li tbati minn 'bilateral intermittent calf caludication'. Ġie stabbilit ukoll li fl-20 ta' Ottubru 2023, il-konsulent newrologu Dr. Joseanne Aquilina kienet eżaminat lill-imputata u sabet li għandha storja ta' diversi snin ta' uġigħ f'daharha u f'saqajha li seta' kien dovut għal '*spinal claudication secondary to probable lumbar canal stenosis*'. Fuq kollox, il-perit mediku kkonferma li l-istorja klinika tal-imputata u l-

[7] Xhieda tal-10 ta' April 2025.

konklużjonijiet tal-eżami li għamel huma kompatibbli mas-sintomi ta' "*chronic mechanical spinal pain*"[8].

Dan ġie affermat ukoll mix-xhud tad-difiża, Dr. Mario Scerri li eżamina lill-imputata fl-24 ta' Marzu 2025 u ra wkoll MRI scans li kienu sarulha fl-Isptar fl-2018 u fl-2024, li wrew li għandha *disc narrowing* ('*lumbosacral canal stenosis*') u *prolapse* tad-disc li probabbilment huwa konġenitali, kif ukoll impingement fuq il-kanal tas-sinsla u fuq in-*nerve roots* li jipproduċi sintomi ta' uġigħ li huwa kompatibbli ma' dak li ddeskriviet l-imputata fix-xhieda tagħha, ċioe' uġigħ fil-parti t'isfel ta' daharha li jimxilha għal riġlejha u fl-estremitajiet inferjuri.

Ikkunsidrat;

L-imputata qed tiġi mixlija b'żewġ kapi ta' falsifikazzjoni, taħt l-artikolu 167 u taħt l-artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali.

L-insenjament abbraċċjat mill-Qrati tagħna in tema ta' falsita' huwa dak mgħallem fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** mogħtija fis-17 ta' Ottubru 1997 minn din il-Qorti diversament preseduta, li fissret hekk id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku:

"*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioé fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument*

[8] Il-Qorti tosserva li ma jidhirx li l-perit mediku espleta l-inkarigu b'mod komplut għaliex ma kkostatax jekk -imputata tbatix minn muscular dystrophy jew kundizzjoni li tixbaħ muscular dystrophy, iżda kkostata minflok li ma tbatix mil-kundizzjoni ta' *systemic lupus erythematosus* u ma sabx evidenza li tbati minn *any connective tissue disease*.

*ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin* "non é veridico, perché colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero".

In kwantu ċ-ċertifikat datat 5 ta' Jannar 2021 maħruġ fuq letterhead ta' Dr. Malcolm Vella u allegatament iffirmat minn Dr. Ruth Galea (Doc. 6), Dr. Ruth Galea xehdet illi mit-tfittxijiet li għamlet fid-*database* tal-Isptar Mater Dei ma jirriżultax li Rita Sciberras qatt kienet pazzjenta tagħha u għalhekk ikkonfermat li ma kienetx ħarġet ċertifikati għaliha u għalkemm il-firma fuq iċ-ċertifikat tixbaħ ħafna l-firma tagħha, ċaħdet li c-certifikat kienet ħarġitu hi. L-istess xehed Dr. Malcolm Vella b'riferenza għall-istess ċertifikat: filwaqt li kkonferma li t-*template* taċ-ċertifikat huwa tiegħu, huwa qatt ma ra lil Rita Sciberras bħala pazzjenta la fl-Isptar Mater Dei u lanqas privatament. Għalhekk, il-falzita' materjali taċ-ċertifikat datat 5 ta' Jannar 2021, ġiet ippruvata u, in vista tax-xhieda ta' Dr. Malcolm Vella, li bħala konsulent newrologu huwa kompetenti biex jesprimi opinjoni dwar kundizzjoni newroloġika bħalma hija l-kundizzjoni ta' Duchenne *muscular dystrophy*, liema kundizzjoni huwa stqarr li mhux possibbli li tbati biha persuna ta' wieħed u sittin sena, il-Qorti tqis li ġie ppruvat ukoll il-falzita' ideoloġika tad-dokument.

In kwantu l-kopja tad-dokument konsistenti fir-Rapport tal-Ispeċjalista bil-firma ta' Dr. Anthony Galea Debono, li jinsab fil-file tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali[9], f'liema rapport hemm miktub "*Patient suffers from Duchenne Muscular dystrophy*", Dr. Anthony Galea Debono xehed illi l-firma fuq ir-rapport m'hijiex il-firma tiegħu filwaqt li t-timbru li jidher taħt il-firma tiegħu kien ilu ma jużah xi ħames snin. Ċaħad ukoll b'mod kategoriku li kien hu li kiteb l-informazzjoni addizzjonali fit-tieni paġna tar-rapport. Għalhekk, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-falzita' materjali taċ-ċertifikat allegatament iffirmat minn Dr. Anthony Galea Debono, liema ċertifikat huwa wkoll falz mill-aspett ideoloġika għaliex ingħata opinjoni esperta ammissibbli illi huwa inkonċepibbli li l-imputata tal-eta' ta' wieħed u sittin sena setgħet tiġi ċertifikata bħala persuna li tbati minn Duchenne *muscular dystrophy*.

[9] Dok. KC1 u Doc. 2 f'paġna 22 u paġna 48, rispettivament.

Fil-kopja tal-file tal-imputata fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali (Doc. 4) insibu wkoll kopja ta' ċertifikat maħruġ u ffirmat minn Dr. Silvio Grixti li fih jingħad li Rita Sciberras tbati minn '*muscular dystrophy*'. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova li teskludi li dan iċ-ċertifikat tassew inħareġ u ġie ffirmat minn Dr. Silvio Grixti u l-imputata stess xehdet li kien Dr. Silvio Grixti li kien lestilha l-karti biex tapplika mad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali biex tirċeivi assistenza soċjali minħabba l-kundizzjoni li tikkaġunalha uġigħ f'daharha u f'saqajha. Għalhekk il-falzita' materjali ta' dan id-dokument m'hijiex ippruvata.

Iżda hawnhekk ikun opportun li l-Qorti tistħarreġ il-provi proċesswali biex tistabbilixxi jekk huwiex ippruvat kif imiss it-teżi tal-Prosekuzzjoni li l-imputata ma tbatix mill-kundizzjoni ta' *muscular dystrophy*, diversament mill-kundizzjoni ta' Duchenne *muscular dystrophy* li kif rajna diġa' hija eskluża fil-każ tal-imputata. Tibda biex tosserva illi ebda wieħed mit-tobba u konsulenti li xehdu quddiemha ma eskludew li l-imputata tbati minn *muscular dystrophy* u kif rajna, Dr. Ruth Galea, Dr. Malcolm Vella u Dr. Anthony Galea Debono ikkonfermaw biss li l-imputata kienet pazzjenta tagħhom u li ma kienux ħarġu ċ-ċertifikati li juru li kienu ġew iffirmati u jew maħruġa minnhom. Il-Qorti tosserva li ma jidhirx li l-perit mediku maħtur minnha espleta l-inkarigu b'mod komplut għaliex ma kkostatax jekk l-imputata tbatix jew le minn *muscular dystrophy* jew kundizzjoni li tixbaħ *muscular dystrophy*, iżda kkostata minflok li ma tbatix mill-kundizzjoni ta' *systemic lupus erythematosus* u ma sabx evidenza li tbati minn *any connective tissue disease*. Kemm hu hekk ma saret ebda riferenza fir-relazzjoni tiegħu għall-kundizzjoni ta' *muscular dystrophy* u l-Avukat Ġenerali ma talabx li l-perit mediku jerġa' jixhed biex jagħti l-fehma tiegħu b'mod speċfiku dwar il-kundizzjoni ta' *muscular dystrophy* skont ma ġie del resto inkarigat jagħmel fil-perizja. Billi ma tressqet ebda prova medika li tistabbilixxi li '*muscular dystrophy'* hija '*connective tissue disease' par excellence* jew tirrientra fid-definizzjoni ta' '*connective tissue disease'*, il-Qorti ma tistax tikkonkludi serenament li ġie eskluż lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, unikament mix-xhieda tat-tobba li

tressqu bħala xiehda tal-Prosekuzzjoni jew bħala periti ġudizzjarji, li l-imputata ma tbatix minn *muscular dystrophy*.

Madankollu, Dr. Mario Scerri, xhud għad-difiża, ikkonferma f'rapport li hejja fir-rigward tal-imputata illi filwaqt li "*għandha canal stenosis fil-livell ta' L3/4 ikkaġunat minn disc prolapse b'impingement fuq L3 root nerve ... din il-kundizzjoni m'hijiex fil-lista ta' kundizzjonijiet mediċi li jikkwalifikaw għal benefiċċji*." Għall-Qorti dan ifisser illi huwa eskluż li l-kundizzjoni riskontrata minn Dr. Mario Scerri hija dik ta' *muscular dystrophy* li tinsab fil-lista tal-mard jew kundizzjonijiet li minħabba fihom persuna titqies bħala persuna gravement disabilitata skont id-definizzjoni fl-artikolu 2 tal-Att dwar is-Sigurta' Soċjali (Kap. 318).

Iżda, bħlama jaf kulħadd, xhieda esperta ma tagħmilx prova jekk l-espert m'huwiex maħtur mill-qorti bhala perit. Dan joħroġ mid-dispozzizzjonijiet tal-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali li jagħmluha ċar li meta jinħtieġ ħila speċjali għall-eżami ta' oġġett jew persuna, għandhom jinħatru mill-qorti persuni li jintgħażlu mill-qorti stess, li jfisser illi l-ebda perizja ma tista' titwettaq minn persuna li ma tkunx maħtura mill-qorti bħala perit ġudizzjarju.

Iżda fi kwalsiasi kas, l-imputata nnifisha, fid-dikjarazzjoni li saret mill-avukat difensur għan-nom taghha quddiem il-Qorti fis-seduta tas-17 ta' April 2024, wara li kkonsulta magħha, stqarret li "*tassew ma tbatix minn muscular dystrophy...*". Il-Qorti, minħabba dak li jiddisponi l-artiklu 658 tal-Kodiċi Kriminali, ma tistax twarrab dikjarazzjoni bħal dik li saret għan-nom tal-imputata spontanjament quddiemha, b'mod volontarju u evidentement ukoll b'mod deliberat wara li kkonsultat mal-avukat difensur tagħha.

Kollox magħdud għalhekk, il-Qorti tqis li huwa ppruvat sodisfaċjentement li l-imputata ma tbatix mill-kundizzjoni ta' *muscular dystrophy*, kundizzjoni li mkien ma ssemmiet lanqas fir-rapporti taż-żewġ MRI scans li saru lill-imputati fl-2018 u fl-2024 u għaldaqstant, huwa ppruvat il-falzita' ideoloġika taċ-ċertifikat maħruġ u ffirmat minn Dr. Silvio Grixti.

Madankollu hawnhekk il-Prosekuzzjoni naqset b'mod assolut milli tistabbilixxi li kienet l-imputata, ad eskluzjoni ta' xi haddiehor, il-persuna li pproduċiet, fasslet jew ħarġet dawn id-dokumenti, li tat l-ordni li jigu falsfikati, jew li kellha b'xi mod ieħor taqsam b'mod materjali mal-falsifikazzjoni ta' xi wieħed minn dawn id-dokumenti, cioe' r-Rapport tal-Ispecjalista jew ic-certifikat bid-data tal-5 ta' Jannar 2021 bil-firma ta' Dr. Ruth Galea u bl-isem ta' Dr. Malcolm Vella. Kif taraha l-Qorti, il-fatt li d-dokumenti falsifikati jifformaw parti mill-file tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali dwar l-applikazzjoni tal-imputata u l-fatt li b'hekk jeżisti ness konkret bejn l-istess dokumenti falsifikati u l-applikazzjoni ffirmat mill-imputata b'dikjarazzjoni li hija tbati mill-kundizzjoni ta' *muscular dystrophy*, mingħajr iktar, m'huwiex biżżejjed għall-prova skont il-liġi li l-imputata kienet l-awtriċi jew kompliċi fir-reat ta' falsifikazzjoni tad-dokumenti li ġie ppruvat li huma foloz. Fir-rigward, l-imputata u bintha xehdu li kien Dr. Silvio Grixti li tatu envelope b'xi karti biex tgħaddihom lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali fiż-Żejtun u ma hemm xejn fil-provi li jikkontradixxi din il-verżjoni.

Għalhekk, għalkemm il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova li l-imsemmija ċertifikati u rapport li jifformaw parti mill-file tagħha fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, huma foloz, għaliex fihom tagħrif li huwa falz, l-imputata ma tista' qatt tinsab ħatja tar-reat tal-falsifikazzjoni ta' xi wieħed minn dawk id-dokumenti.

**Fuq kollox u f'kull każ, dokument konsistenti f'ċertifikat jew rapport mediku evidentement ma jissodisfax l-element materjali tax-xorta tad-dokument li dwaru huwa maħsub ir-reat ta' falsifikazzjoni taħt l-artikolu 167 u taħt l-artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali**[10].

[10] Falsifikazzjoni ta' polza, ċedula jew dokumenti li meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas; u atti pubbliċi, kummerċjali jew ta' bank privat.

**Għaldaqstant, l-imputata ma tista' qatt tinsab ħatja li ffalsifikat xi dokument, wisq anqas xi dokument maħsub fl-artikoli 167 u 183 tal-Kodiċi Kriminali, li dwarhom ġiet mixlija fl-ewwel u fit-tielet imputazzjonijiet.**

Ikkunsidrat;

L-imputata qed tiġi mixlija bir-reat taħt l-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali, ċioe' li xjentement għamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tat tagħrif falz f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għaliha innifisha jew għal ħaddieħor.

Jeħtieġ għalhekk qabel xejn li jiġi stabbilit f'liema dokumenti jirriżulta li seta' sar xi stqarrija jew dikjarazzjoni mill-imputata jew li fih xi tagħrif falz mogħti mill-imputata nnifisha.

In kwantu d-dikjarazzjoni ffirmata mill-imputata fl-10 ta' Marzu 2021 (Doc 3), formanti parti mill-applikazzjoni sottomess f'isimha biex tikseb il-ħlas ta' assistenza li hija intitolata għaliha persuna li għandha dizabilita' severa[11], il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

L-imputata ammettiet, b'dikjarazzjoni reġistrata mid-difensur tagħha fil-verbal tas-seduta tas-17 ta' April 2024 kif ukoll fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti, li l-firma fuq dak id-dokument hija tagħha. Mhux kontestat illi bil-firma tagħha, l-imputata ikkonfermat espressament illi sa fejn taf hi, it-tagħrif kollu mogħti fl-applikazzjoni huwa komplet u korrett. Flimkien mal-applikazzjoni ġie ppruvat li ġew sottomessi lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, awtorita' pubblika, dokumenti falsifikati li fihom ġie indikat espressament bħala l-kundizzjoni li minħabba fiha l-applikant kellha titqies bħala persuna gravement disabilitata, il-kundizzjoni deskritta bħala '*Muscular dystrophy*', kundizzjoni li kif rajna l-imputata stqarret espressament quddiem il-Qorti li ma għandhiex. Għalhekk, l-elementi materjali tar-reat taħt l-artikolu 188 tal-Kodiċi

[11] Paġna 50 tal-atti tal-kompilazzjoni, Dok. MB1.

Kriminali konsistenti f'tagħrif falz mogħti f'dokument maħsub għal awtorita' pubblika bil-għan li jinkiseb vantaġġ jew benefiċċju, huma ppruvati.

In kwantu mbagħad għall-element formali tar-reat, ċioe' li l-għoti tat-tagħrif falz sar dolożament, il-Qorti tibda biex tosserva illi huwa indiskuss illi l-imputata kienet taf li hija ffirmat din id-dikjarazzjoni b'rabta mal-applikazzjoni għall-ħlas ta' assistenza soċjali li Dr. Silvio Grixti kien iggwidaha biex tagħmel minħabba l-kundizzjoni medika tagħha. L-imputata, madankollu, tiċħad li kienet taf x'dokumenti kienu qed jiġu sottomessi minnha flimkien mal-applikazzjoni, wisq inqas kienet taf x'kien il-kontenut tad-dokumenti għaliex kien poġġihom it-tabib tal-familja tagħha, Dr. Silvio Grixti, f'envelop magħluq, u hi kienet tafdah. Envelop li, ħares minn fejn tħares, kien fih xi wieħed jew ieħor miċ-ċertifikati u rapporti mediċi li ġie stabbilit li huma foloz għaliex jiċċertifikaw lill-imputata bħala persuna li tbati minn *muscular dystrophy.*

.

L-imputata tmantni li l-enevelop qatt ma nfetaħ sakemm għaddietu lid-Dipartiment u qatt ma nfetaħ quddiemha u xehdet dan ukoll bintha, Kerby Sciberras li żiedet tgħid li ma ħassewx il-ħtieġa li jiftħuh biex jaraw il-karti li kien ħejjilhom it-tabib tagħhom. L-imputata xehdet ukoll illi hija ffirmat id-dikjarazzjoni datat 10 ta' Marzu 2021 quddiem it-tabib Dr. Silvio Grixti waqt il-viżta fejn iddeċieda li kellha tapplika biex tirċievi din l-assistenza soċjali minħabba l-kundizzjoni medika tagħha.

Iżda l-Qorti ma temminx din il-verżjoni u tqis li mhux attendibbli t-teżi tad-difiża li l-imputata sempliċement għaddiet envelop magħluq lil xi persuna fl-uffiċċju fejn intbagħtet biex tissottometti l-applikazzjoni mingħajr dan l-envelop infetaħ quddiemha. L-Assistent Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, Martin Buhagiar fix-xhieda tiegħu[12] ikkonferma illi l-applikazzjoni għall-ħlas tal-assistenza għal disabilita' severa ta' Rita Sciberras ġie sottomess mill-applikant ġewwa wieħed mill-uffiċini (*hub*) li jipprovdu dak is-servizz (servizz.gov). Fisser illi f'każijiet bħal

[12] Xhieda tas-6 ta' Marzu 2024.

dawk, id-dikjarazzjoni tiġi ffirmata ġewwa l-*hub* stess u l-istaff amministrattiv jagħmlu *upload* b'mod virtwali tal-istess dikjarazzjoni u taċ-ċertifikati mediċi li jkunu ġew sottomessi flimkien mad-dikjarazzjoni u jimlew dak il-ħin stess l-applikazzjoni bid-dettallji tal-applikant. Wara li eżamina l-applikazzjoni fil-kopja tal-file tal-imputata (Dok. MB1), Martin Buhagiar ikkonferma b'mod speċifiku li l-applikazzjoni tal-imputata ġiet sottomessa b'dan l-istess mod għaliex intbagħtet minn websapp.family@gov.mt[13] fl-10 ta' Marzu 2021, l-istess data tad-dikjarazzjoni ffirmat mill-imputata.

Din ix-xhieda timmina mhux ftit il-veraċita' tal-verżjoni tal-imputata u ta' bintha li l-applikazzjoni mtliet minn Dr. Silvio Grixti għan-nom tal-imputata waqt l-istess viżta fejn l-imputata suppost iffirmat id-dikjarazzjoni u sottomettiet kollox f'envelop magħluq lill-uffiċċju liema envelop ma kienx infetah quddiemha. Timmina wkoll il-kredibbilita' tal-verżjoni tal-imputata li ma kienetx rat iċ-ċertifikati u rapporti li kienu fl-envelop – envelop li evidentement kellu jinfetaħ biex id-dokumenti li kien hemm go fih, inkluz il-'*medical report*'[14] u d-dikjarazzjoni[15] li wkoll ġie ffirmat dak il-ħin mill-imputata (fejn affermat li t-tagħrif kollu mogħti minnha in konnessjoni mal-applikazzjoni huwa korrett u komplut), jigu *uploaded* fis-sistema flimkien mal-applikazzjoni. Huwa evidenti li din l-applikazzjoni imtliet elettronikament, tant illi din fiha wkoll **dettallji mimlijin b'mod diġitali, fosthom in-numru tal-kont tal-bank** li fih kellu jiġi depożitat l-assistenza soċjali f'każ li l-applikazzjoni tiġi approvata u ħafna dettallji oħrajn.

**Dan ifisser li mhu xejn verosimili li l-imputata ngħatat envelop magħluq u għaddietu lid-Dipartiment mingħajr ma kienet taf x'fih, u l-fatt li l-imputata ma qalitx il-verita' fix-xhieda tagħha, u ħbiet il-fatt li rat id-dokumenti li kien hemm fl-envelop u li ġew sottomessi lid-Dipartiment flimkien mad-dikjarazzjoni, tikkonvinċi lill-Qorti bis-sħiħ li l-imputata xjentement għamlet dikjarazzjoni**

[13] "... *telqet mis-sors tagħha ... mill-hub li hija .... linked mas-sistema tagħna u minn hemmhekk tkun telqet l-applikazzjoni. Kieku telqet mingħand il-klijent ikun jidher l-email address tagħha.*"
[14] Ara paġna 47 – 'Necessary Documents'.
[15] Ara paġna 47 – 'Necessary Documents'.

**falza lid-Dipartiment li tbati mill-kundizzjoni ta' muscular dystrophy, kundizzjoni li diġa' kienet taf *ex admissis* li ma kellhiex[16].**

B'żieda ma' dan kollu l-fatt illi l-imputata sostniet li abbażi tal-MRI scan li kien sar fuq parir ta' Dr. Silvio Grixti, huwa kien għamel dijanjosi tal-kundizzjoni ta' myelopathy u kien iddeċieda li kellha tapplika biex tieħu l-assistenza soċjali tabilħaqq minħabba dik il-kundizzjoni. Għall-Qorti dan ifisser li l-imputata, li kif diga' gie stabbilit, m'hijiex kredibbli meta xehdet li ma għaddiet kollox lid-Dipartiment mingħajr ma nfetaħ l-envelop, kienet taf li ma kellhiex il-kundizzjoni ta' *muscular dystrophy* li ġie rapportat fiċ-ċertifikati u rapporti li ġew sottomessi minnha lill-uffiċini ta' servizz.gov. Iżda mhux hekk biss: ifisser ukoll li l-verżjoni tal-imputata li Dr. Silvio Grixti kien iddeċieda li għandha tapplika biex tirċievi l-ħlas ta' assistenza għal diżabilita' severa meta ra r-riżultat tal-MRI scan, ma jistax ikun li għandha mis-sewwa. Dan qed jingħad għaliex filwaqt li l-applikazzjoni ġiet sottomessa fl-10 ta' Marzu 2021, jirriżulta li l-uniku MRI scan li sar fuq daharha (MR Spine Lumbar/Sacral) qabel dik id-data, kienet saret kważi tliet snin qabel, fis-27 ta' Novembru 2018[17].

Anke jekk huwa minnu li l-imputata, li xehdet li Dr. Silvio Grixti kien qalilha wara li kien ra l-MRI scan li kienet tbati minn myelopathy, kienet pjenament intitolata li tafda fit-tabib kuranti tagħha li kien ukoll it-tabib li hi u l-familja tagħha kienu ilhom diversi snin jagħmlu użu mis-servizzi tiegħu, u għalhekk ma kellhiex għalfejn tiddubita mid-dijanjosi tiegħu ta' myelopathy, huwa evidenti li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ kif jirriżultaw mix-xhieda ta' Martin Buhagiar u mill-atti proċesswali, l-imputata ma setgħetx ma kienetx konxja li ċ-ċertifikati u dokumenti li kien għaddielha t-tabib ma jagħmlu ebda riferenza għal dik il-kundizzjoni iżda għal kundizzjoni differenti u dan, fih innifsu, messu fl-aħjar ipotesi għaliha, nissel suspett jew dubju dwar l-awtentiċita' tad-dokumenti li sottomettiet mal-applikazzjoni. Kif taraha l-Qorti, jekk tassew l-

[16] L-imputata xehdet li Dr. Silvio Grixti kien qalilha li għandha l-kundizzjoni ta' myelopathy.

[17] Ara Dok. MS1. L-uniku MRI scan ieħor 'MR Spine Lumbar/Sacral', li sar fuq l-imputata ksar fil-mori tal-kompilazzjoni, tliet snin wara li l-imputata sottomettiet l-applikazzjoni għall-ħlas ta' assistenza għal diżabilita' severa, fl-10 ta' Ġunju 2024 (Dok. MS2).

imputata ma ħarsitx lejn id-dokumenti li kien hemm fl-envelop li taha t-tabib tal-fiduċja tagħha, dan kien għaliex kienet taf li kien hemm dokumenti li ma kienux awtentiċi, u għal ebda raġuni oħra.

F'kull każ, m'huwiex ragjonevoli, fil-kwadru tal-fatti li hima stabbiliti mill-provi processwali, il-verzjoni li l-imputata ma harsitx lejn id-dokumenti li dwarhom iffirmat dikjarazzjoni dwar il-korrettezza tagħhom: l-imputata kkonfermat fid-dikjarazzjoni minnha ffirmat fl-10 ta' Marzu 2021, li safejn taf hi l-informazzjoni kollha mogħti minnha huwa korrett, u għalhekk s'intendi ikkonfermat li tbati mill-kundizzjoni ta' *muscular dystrophy* meta in effetti stqarret li hija kienet taf diġa' dak iż-żmien li tbati minn kundizzjoni differenti bl-isem myelopathy.

Għaldaqstant, l-element formali tar-reat taħt l-artikolu 188 tal-Kap. 9 ċioe' li d-dikjarazzjoni li saret mill-imputata li t-tagħrif mogħti minnha lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali in konnessjoni mal-applikazzjoni għall-ħlas tal-assistenza għal diżabilita' severa, inkluż għalhekk li tbati b'*muscular dystrophy,* hija korretta u veritiera, saret dolożament, bix-xjenza li kienet qed tagħmel dikjarazzjoni falza jew tagħti tagħrif li huwa falz, huwa sodisfaċjentement ippruvat b'mod li ma thallix lol ghal dubju li huwa ragjonevoli.

Għall-bqija, ma ntweriex li saret xi dikjarazzjoni oħra mill-imputata nnifisha f'xi dokumenti, li m'hijiex korretta jew li hija addirittura falza jew li tat tagħrif ieħor falz lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u ma jirriżultax li l-imputata għaddiet xi dokument jew ċertifikati hi stess lill-Medical Panel matul il-laqgħa tas-26 ta' Awwissu 2021.

Għalhekk l-imputata sejra tinsab ħatja tar-reat taħt l-artikolu 188(1) tal-Kap. 9, li għamlet dikjarazzjoni falza f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika jew f'xi dokument ieħor biex tikseb benefiċċju jew vantaġġ għaliha nnifisha.

Ikkunsidrat;

L-imputata ġiet mixlija wkoll bir-reat taħt l-artikolu 169 u r-reat taħt l-artikolu 184 tal-Kap. 9.

L-ewwel wieħed jippunixxi kull min, inkluż uffiċjal jew impjegat pubbliku[18], xjentement jagħmel użu minn waħda mill-karti msemmijin fl-artikoli 166, 167 u 168 tal-Kap. 9, ċioe': obbligazzjoni tal-Gvern ta' somom li jkunu ngħataw b'self lill-Gvern, il-ftuħ ta' kreditu dwar dan is-self fil-kotba tat-Teżorerija tal-Gvern, ftuħ ta' kreditu dwar dan is-self fil-kotba tat-Teżorerija tal-Gvern u l-ġira ta' obbligazzjoni vera tal-Gvern (art. 166); ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, partita fil-kotba ta' dak l-uffiċċju, bank jew stabbiliment pubbliku ieħor u l-ġira ta' ċeduli, poloz, ordnijiet jew dokumenti li jkunu veru (art. 167).

L-artikolu 184 tal-Kap. 9, imbagħad, jippunixxi kull persuna li xjentement tagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu. L-atti, kitbiet u skritturi foloz li jissemmew fl-artikoli ta' qabel tas-Sub-Titolu II tat-Titolu V (Dwar id-Delitti kontra l-Fiduċja Pubblika) huma dawk imsemmija fl-artikoli 179 sa 183 tal-Kodiċi Kriminali ċioe' dawk li jiġu falsifikati minn uffiċjal jew impjegat pubbliku fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu (art. 179); atti li jinbidlu fis-sustanza jew iċ-ċirkostanzi tagħhom b'qerq minn uffiċjal jew impjegat pubbliku meta dawk l-atti jidħlu fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu (art. 180); kopji legali ta' skritturi li joħorġu minn taħt l-idejn ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku bis-saħħa tal-kariga tiegħu meta dawk l-iskritturi ma jkunux jeżistu (art. 182); u atti awtentiċi u pubbliċi jew skritturi kummerċjali jew ta' bank privat.

Id-dokumenti li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li huma falsifikati huma dawk li jinsabu fil-file tal-imputata fid-Dipartiment tas-Siġurta' Soċjali konsistenti fiċ-ċertifikat li jġib id-data tal-5 ta' Jannar 2021 u r-Rapport tal-Ispeċjalista datat 6 ta' Frar 2021 li jidher li ġie ffirmat minn Dr. Anthony Galea Debono. Iċ-ċertifikat mediku

[18] Art. 168 tal-Kap. 9.

miktub minn Dr. Silvio Grixti bid-data tat-12 ta' Lulju 2021 ukoll fih tagħrif falz (falzita' ideoloġika).

Iżda fil-fehma tal-Qorti, ebda wieħed minn dawn id-dokumenti ma jirrientra fid-definizzjoni ta' att, kitba jew skrittura li jiġi falsifikat minn impjegat jew uffiċjal pubbliku b'wieħed mill-mezzi maħsuba fid-dispożizzjonijiet tas-Sub Titolu II tat-Titolu V, u lanqas bħala waħda mill-karti msemmija fid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 166, 167 u 168 tal-Kap. 9.

In kwantu għar-reat taħt l-artikolu 185 tal-Kodiċi Kriminali, ukoll indikat fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, l-imputata qatt ma tista' tinsab ħatja ta' dan ir-reat għaliex huwa ovvju li l-aġent tar-reat huwa uffiċjal jew impjegat pubbliku li jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz fil-kors tat-twettiq tal-kariga tiegħu. Il-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova li l-imputata hija uffiċjal jew impjegat pubbliku jew li kellha kariga bħal dik fiż-żmien tar-reati.

L-Avukat Ġenerali ma akkużax lill-imputata bir-reat taħt l-artikolu 189 tal-Kap. 9 li jinsab fid-dispożizzjonijiet ġenerali li jgħoddu għat-Titolu V tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi (Fuq id-Delitti kontra l-Fiduċja Pubblika) u li jipotetizza r-reat tal-falsifikazzjoni ta' kull dokument ieħor mhux imsemmi fid-dispożizzjonijiet ta' qabel fl-istess Titolu V, u l-użu ta' kull dokument bħal dak. L-Avukat Ġenerali, fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju indika biss, għall-fini ta' ħtija għar-reati ta' falsifikazzjoni, ir-reati taħt l-artikoli 167 u 183 tal-Kodiċi Kriminali.

Kif ingħad diġa', ċertifikat jew rapport mediku – li huwa l-uniku xorta ta' dokument li jidher li huwa falsifikat – ma jistax jitqies bħala xi dokument minn dawk imsemmija fl-artikolu 169 tal-Kap. 9 u lanqas fl-artikolu 184 tal-Kap. 9 u għaldaqstant l-imputata ma tistax tinsab ħatja tar-reati addebitati fit-tieni u fir-raba' imputazzjonijiet.

Il-ħames imputazzjoni ma tagħmilx sens in kwantu illi kif inhi mfassla, ma tirrispekkjax il-kliem ta' xi dispożizzjoni legali li jipotetizza reat kriminali u l-Qorti sejra għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

Ikkunsidrat;

L-imputata qed tiġi mixlija bir-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali, u b'mod alternattiv, bir-reat minuri taħt l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela German** deċiż fit-30 ta' Diċembru 2004, intqal:

*In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby*** *li:*

*"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq,* ***liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali*** *bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll* ***Il-Pulizija v. Daniel Frendo****, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma,* ***proprju ghax tkun giet ingannata****, volontarjament taghti xi haga lill-agent)."* (enfasi ta' din il-Qorti)

Minn dan, u skont kif inhu paċifikatament assodat fil-ġurisprudenza prevalenti in materja, sabiex tinstab ħtija għar-reat ta' truffa jeħtieġ li jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm rabta bejn is-suġġett attiv u is-suġġett passiv tar-reat u cioe' bejn l-aġent tar-reat u l-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta' dan r-reat u cioe' l-użu ta' ingann, raġġiri jew artefizji, li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali.  Dawn il-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' intelliġenza ordinarja u jridu jkunu frawdolenti fis-sens li jeħtieġ li jkunu użati sabiex

jipperswadu lis-soġġett passiv jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li twassal għal telf patrimonjali.

Dwar l-artifizzji intqal[19] illi "*hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat.*"

Irid jiġi ppruvat b'mod speċifiku illi l-ingann u l-qerq adoperat mill-aġent tar-reat effettivament wassal lill-vittma biex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġabitilha t-telf patrimonjali; għalhekk irid jiġi ppruvat li t-telf partimonjali soffert mill-vittma kien il-konsegwenza diretta tal-qerq perpetrat. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Maria Xuereb et**[20], il-Qorti tal-Appell Kriminali eżaminat l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat ta' frodi u ċitat mis-sentenza tal-istess Qorti tat-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Zarb**, is-segwenti bran minn sentenza tal-Corte di Cassazione Penale (Sez. II 3 ottobre 2006 n.34179) fejn intqal:-

"*I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella* ***successive induzione in errore*** *e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente.*" (enfasi ta' din il-Qorti)

Ċitat ukoll minn sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Patrick Spiter**i deċiża fit-22 ta' Ottubru 2004 fejn il-Qorti għamlet riferenża għat-tagħlim ta' Francesco Antolisei:-

"*L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del*

[19] **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, ċitat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Omissis, Omar Caruana u Omissis** deċiż nhar l-14 ta' Lulju 2020
[20] Deċiża fit-22 ta' Settembru 2016.

*profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."* (enfasi ta' din il-Qorti)

Hija meħtieġa wkoll il-prova dwar l-element formali tar-reat konsistenti fid-*dolo* ossia fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu bit-telf konsegwenzjali għall-vittma tar-reat[21].

Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Fir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat)[22] taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9 ir-"raggiri" jew l-"artifizji" (dak li fid-dottrina jissejjaħ ukoll *mise en scene*) m'humiex fost l-elementi kostituttivi tar-reat u allura anke gidba sempliċi hija biżżejjed għall-kommissjoni ta' dana ir-reat, basta li din tkun saret bi ħsieb frawdolenti u twassal sabiex il-vittma u ċioe' is-suġġett passiv ta' dan ir-reat isofri xi telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment għal min jgħid dik il-gidba[23]. .

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni et**[24] riteniet-

"*Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe` jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun*

[21] Fir-rigward ingħad:- "... *illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu, ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.*"- **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, *ibid*.

[22] Ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis**, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; **Il-Pulizija v. Francesca Caruana**, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll **Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer**, App. Krim., 3/3/56).

[23] Ara sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmela German**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri 30.12.2004.

[24] Deċiża 9 ta' Ġunju 1998.

*effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra."* (enfasi ta' din il-Qorti)

Ikkunsidrat;

Mill-kumpless tal-provi proċesswali huwa stabbilit illi ċ-ċertifikati u rapporti li gie ppruvat li huma falsifikati, jiffomaw parti mill-file tal-imputata fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali b'rabta mal-applikazzjoni sottomess f'isimha għall-ħlas tal-assistenza għal persuna gravement disabilitata. Il-Prosekuzzjoni tisħaq li dawn id-dokumenti nġiebu a konjizzjoni tat-tobba fuq il-Medical Panel li evalwa din l-applikazzjoni u illi l-istess Panel iddeċieda li jiċċertifika lill-imputat bħala persuna li għandha diżabilita' severa sewwasew minħabba li ġie żgwidat miċ-ċertifikati falsifikati li juru falzament li l-imputata tbati mill-kundizzjoni ta' *muscular dystrophy*.

Mhux kontestat li l-applikazzjoni tal-imputata ġiet approvata mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u l-imputata bdiet tirċievi l-ħlas tal-assistenza, għaliex il-Medical Panel iċċertifika li hija persuna gravement disabilitata minħabba li tbati mill-kundizzjoni ta' *muscular dystrophy* imsemmi fil-paragrafu 'c' tar-rapport tal-istess Medical Panel[25].

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi l-funzjoni tal-Medical Panel b'rabta ma' applikazzjonjiet li jsiru lid-Dipartiment għall-ħlas ta' assistenza għal diżabilita' severa hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 106(a) tal-Att dwar is-Sigurta' Soċjali (Kap. 318). Dan jiddisponi:

*"... jekk it-talba tkun għal ... Assistenza għal Disabilità Severa, ... id-Direttur għandu, qabel jagħti d-deċiżjoni tiegħu, ħlief jekk it-talba ma tintlaqax minħabba*

[25] Ara Doc 5, paġna 52 f'Dok. MB1.

*f'kondizzjonijiet statutorji oħra, jikkonsulta dwar l-aspetti mediċi tat-talba ma' persuna waħda jew iktar li jkollhom warrant biex jeżerċitaw il-professjoni medika magħżula minn fost panel ta' persuni maħtura mill-Ministru bil-għan li jagħtu parir dwar dawn il-każijiet, skont kif tkun teħtieġ in-natura tat-talba ..."*

Mill-provi proċesswali jirriżulta illi l-Medical Panel, fil-prattika, jiltaqa' mal-applikant u jevalwa l-każ konkret biex jiċċertifika jekk l-applikant ibatix minn waħda mill-kundizzjonijiet mediċi jew xi marda li jirrientraw fid-definizzjoni ta' "*persuna gravement disabilitata*" ai termini tal-artikolu 2 tal-Att. Il-Qorti fehmet illi ċ-ċertifikazzjoni magħmula mill-Medical Panel jikkostitwixxi l-parir li jiġi mogħti lid-Direttur qabel jagħti d-deċiżjoni dwar it-talba għall-ħlas tal-assistenza għal diżabilita' severa.

It-teżi tal-Prosekuzzjoni hi li dawn id-dokumenti nġiebu a konjizzjoni tat-tobba fuq il-Medical Panel li evalwa din l-applikazzjoni, u l-istess Panel iddeċieda li jiċċertifika lill-imputata bħala persuna gravement disabbilita' għaliex ġie żvijat bil-kopja taċ-ċertifikat falsifikat biex jemmen li l-imputata tbati mill-kundizzjoni ta' *muscular dystrophy*.

Dr. Taygeta Firman xehdet illi jekk fil-file ikun hemm ċertifikat ta' konsulent li jiċċertifika li l-applikant għandu *muscular dystrophy*, dak kien ikun biżżejjed biex l-applikant jiġi approvat mill-Medical Panel bħala persuna gravament disabilitata. Iktar minn hekk, Dr. Robert Galea, it-tabib l-ieħor li fforma l-Medical Panel li eżamina l-applikazzjoni tal-imputata, ikkonferma fix-xhieda tiegħu li fil-każ ta' Rita Sciberras, "*kien hawn ċertifikat maħruġ minn newrologu Dr. Malcolm Vella mill-Isptar fejn qed jiċċertifika that she is a known case of* muscular dystrophy *... on the strength of that certificate ovvjament aħna għidna li tikkwalifika, għandha waħda mill-kundizzjonjiet imsemmija mid-Dipartiment.*"

Minn dan jikkonsegwi illi ċ-ċertifikat datat 5 ta' Mejju 2021, iffirmat minn Dr. Ruth Galea, newrologu (u possibbilment ukoll ir-Rapport tal-Ispeċjalista, iffirmat minn Dr.

Anthony Galea Debono, ukoll speċjalista) kienu strumentali biex il-Medical Panel approva lill-imputata bħala persuna gravement disabilitata minħabba l-kundizzjoni ta' *muscular dystrophy*.

Il-Qorti m'hijiex konvinta li t-tobba tal-Medical Panel ħadu in konsiderazzjoni ċ-ċertifikat iffirmat minn Dr. Silvio Grixti bid-data tat-12 ta' Lulju 2021 għaliex l-istess Dr. Silvio Grixti ma jidhrix li huwa speċjalist iżda 'Primary Care Physician' (skont ma jidher mit-timbru fuq iċ-ċertifikat) u għalhekk, fuq l-iskorta tax-xhieda ta' Dr. Taygeta Firman u Dr. Robert Galea, kif ukoll għaliex id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali evidentement jesiġi li l-kundizzjoni jew marda tiġi ċertifikata minn 'speċjalista'[26], dan iċ-ċertifikat, talanqas waħdu, ma setax kien determinanti jew strumentali għall-fini taċ-ċertifikazzjoni tal-imputata bħala persuna li tbati minn *muscular dystrophy*.

Hawnhekk għandha ssir osservazzjoni importanti. Huwa minnu li ċ-ċertifikat iffirmat minn Dr. Ruth Galea u r-Rapport tal-Ispeċjalista ffirmat minn Dr. Anthony Debono, jiċċertifikaw li l-imputata tbati minn *muscular dystrophy*, iżda huwa wkoll minnu li l-kundizzjoni ġiet deskritta b'mod speċifiku bħala '*Duchenne muscular dystrophy*' fiż-żewġ ċertifikati. Fir-rigward, Dr. Malcolm Vella ddikjara fix-xhieda tiegħu li huwa impossibbli li l-pazzjenta li fiż-żmien meta suppost inħareġ iċ-ċertifikat, kellha *Duchenne muscular dystrophy* għaliex kull tabib b'livell bażiku ħafna ta' mediċina jaf illi dik il-kundizzjoni taffettwa biss tfal żgħar li jispiċċaw imutu biha f'eta' żgħira u għalhekk, mhux possibbli li mara ta' wieħed u sittin sena jkollha *Duchenne muscular dystrophy*.

Il-Qorti ma tistax twarrab ix-xhieda ta' Dr. Malcolm Vella fir-rigward – xhud tal-Prosekuzzjoni - li ddikjara li anke tabib b'livell bażiku ħafna ta' mediċina jaf li *Duchenne muscular dystrophy* hija kundizzjoni fatali li tiġi riskontrata biss fi tfal żgħar u minħabba s-severita' tagħha, il-pazzjent imut ta' eta' żgħira ħafna li jagħmilha impossibbli li jiġi rikostrat każ ta' *Duchenne muscular dystrophy* f'pazzjent ta' wieħed

---

[26] Ara '*Rapport tal-Ispeċjalista*' fuq formola magħmula appożitament b'rabta ma' applikazzjoni għall-ħlas ta' 'Assistenza għal Diżabilita' Severa' (Aġġornat: Ottubru 2018) – ara Doc. 2 (paġna 48 tal-atti tal-kompilazzjoni).

u sittin sena. Din ix-xhieda ma ġietx kuntrastata bi provi oħrajn u l-Qorti ma tistax ma tqishiex meta tiġi biex tqis jekk id-dokumenti falsifikati kienux idonei biex iqarrqu b'żewġ tobba li kienu maħtura biex jevalwaq applikazzjonijiet dwar disabiltajiet severi. **Għalkemm Dr. Malcolm Vella ma huwiex espert maħtur mill-Qorti, huwa ma kienx ezamina lill-imputata u l-opinjoni li esprima fix-xhieda tiegħu kien, fil-fehma tal-Qorti, ferm kompetenti li jesprimiha għaliex bħala konsulent newrologu għandu l-kwalifiki meħtieġa biex jaghmel dan – kif ġie del resto affermat ukoll minn Dr. Robert Galea fix-xhieda tiegħu**. Għaldaqstant, bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 563A tal-Kapitolu 12, li huwa reż applikabbli għall-proċeduri quddiem qrati ta' ġustizzja kriminali bis-saħħa tal-artikolu 520(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tista' serenament u sejra tistrieħ, fuq dik l-opinjoni.

**Jikkonsegwi għalhekk u l-Qorti hekk fehmet, illi minn dak li jinsab stipolat espressament fl-applikazzjoni għall-ħlas tal-assistenza għal persuna disabilitata gravament u wkoll fir-rapport tal-Medical Panel, il-Medical Panel ma seta' qatt leġittimament jiċċertifika lill-imputata Rita Sciberras bħala persuna b'diżabilita' severa minħabba l-kundizzjoni ta'** ***Duchenne muscular dystrophy*** **abbażi taċ-ċertifikati u rapporti ta' speċjalisti u konsulenti li jinsabu fil-file tagħha fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali (Dok. MB2)**.

**Għaldaqstant, minkejja li huwa ppruvat li l-imputata kellha x-xjenza li tat tagħrif falz lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali meta sottomettiet dokumenti konsistenti f'ċertifikati u rapporti foloz li jinsabu fil-file tagħha[27], jibqa' l-fatt illi dawn id-dokumenti ma setgħux la individwalment u lanqas meħudin b'mod komplessiv, oġġettivament jingannaw lil żewġ tobba tal-Medical Panel biex jemmnu li l-imputata hija persuna gravement disabilitata skont il-liġi minħabba** ***muscular dystrophy*****. Għaldaqstant, il-Medical Panel ma seta' qatt oġġettivament u raġjonevolment jiċċertifika l-imputata biex titqies bħala persuna gravement**

[27] L-imputata stqarret b'mod speċifiku illi hija kienet tat lill-Medical Panel iċ-ċertifikati ta' Dr. Mark Xuereb.

**disabilitata minħabba l-kundizzjoni ta' *Duchenne muscular dystrophy* u jagħti parir f'dan is-sens lid-Direttur biex japprova t-talba tagħha, mingħajr ma talbu jew fittxew xi kjarifika fir-rigward.**

Illi applikat l-insenjament in materja tar-reat ta' frodi għall-fattispeċje tal-każ li għandha quddiemha, il-Qorti tqis li ġie ppruvat ness konkret bejn l-imputata u s-soġġett passiv tar-reat, id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, għaliex bis-saħħa tal-applikazzjoni li ġie sottomess f'isimha lid-Dipartiment u abbażi ta' xi dokument jew ieħor li nstab fil-file tagħha, l-istess Dipartiment laqa' t-talba tagħha biex titqies bħala persuna gravement disabilitata u beda jħallasha assistenza għal diżabilita' severa. Dan mhux kontestat. Il-provi, kif rajna diġa', jistabbilixxu wkoll illi wħud miċ-ċertifikati mediċi li jinsabu fil-file tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali dwar l-applikazzjoni tal-imputata għall-ħlas ta' assistenza għal diżabilita' severa, huma falsifikati, u dan ifisser ukoll li huma riskontrabbli l-"*mezzi kontra l-liġi, ... użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz ...*" maħsuba espressment fl-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali bħala manifestazzjonijiet tar-raġġiri u artifizzji li jistgħu jiġu applikati għall-ingann tal-vittma.

**Iżda kif rajna wkoll, element ieħor materjali kostituttiv tar-reat ta' truffa kif ukoll ir-reat ta' frodi innominata, huwa t-telf patrimonjali subit mill-vittma tar-reat <u>sewwasew bħala konsegwenza tal-ingann adoperat mill-aġent</u> fil-konfront tiegħu. Fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti tqis fermement illi ma ġiex ippruvat sodisfaċjentement illi l-element tat-telf patrimonjali bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, seħħ minħabba l-użu ta' egħmil qarrieqi da parti tal-imputata u mhux minħabba raġunijiet oħrajn.**

Skont kif jirriżulta mix-xhieda bla tlaqliq ta' Dr. Malcolm Vella, konsulent newrologu, huwa ovvju li bħala persuni fil-professjoni medika u maħtura biex jaqdu kariga speċifika skont il-liġi, it-tobba fuq il-Medical Panel li evalwaw l-applikazzjoni tal-imputata, qatt ma setgħu raġjonevolment isibu li l-imputata tbati minn *muscular dystrophy* abbażi ta' ċertifikati li fihom jingħad li għandha *Duchenne muscular*

*dystrophy*. Dan qed jingħad għaliex, kif diġa' ngħad qabel, din il-kundizzjoni partikolari f'applikant ta' 61 sena, kellha tqajjem suspett anke f'tabib b'livell bażiku ta' mediċina, aħseb u ara f'żewġ tobba professjonisti gradwati fil-mediċina b'diversi snin ta' esperjenza fil-professjoni medika u li iktar minn hekk, ilhom is-snin jifformaw parti mill-Medical Panel fejn ikunu maħturin biex jevalwaw is-siwi ta' ċertifikati u rapporti mediċi u jaraw li dawn ikunu konformi ma' dak li huwa bażiku fil-mediċina. Il-Qorti m'hijiex lesta li taċċetta li dawn iż-żewġ professjonisti mhux talli ma kienux jafu bl-eżistenza ta' *Duchenne muscular dystrophy* u li din ma tista' qatt tiġi riskontrata f'persuna adulta, aħseb u ara persuna anzjana, talli aċċettaw bla tlaqliq ċertifikati mediċi li jiċċertifikaw lill-imputata, persuna anzjana, b'kundizzjoni li anke fiżikament u mad-daqqa t'għajn, huwa evidenti li ma jistax ikun li tbati biha.

Għalhekk, kif taraha l-Qorti, għalkemm, kif diġa' ġie stabbilit, huwa minnu li jeżisti ness konkret bejn iċ-ċertifikati foloz li kienu fil-file tal-imputata u l-ħlas tal-assistenza għad-diżabilita' severa li ġie perċepit minnha, m'hijiex konvinta sal-grad taċ-ċertezza morali u oġġettivament, mingħajr dubju dettat mir-raġuni, li t-tobba tal-Medical Panel ġew indotti abbażi ta' xi wieħed mid-dokumenti falsifikati li kellhom quddiemhom fil-file tal-imputata, biex jemmnu li l-imputata kellha *Duchenne muscular dystrophy*, u bbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq id-dokumenti foloz[28].

Kulħadd, inkluż l-imputata, jistenna illi t-tobba maħtura fuq bord speċjalizzat, ikunu kompetenti biex jagħmlu x-xogħol rikjest minnhom. Jekk, minkejja din l-aspettattiva bażika leġittima, il-Medical Panel xorta waħda iċċertifika lill-imputata bħala persuna b'diżabilita' severa, meta kellu jkun ovvju għalih li dik iċ-ċertifikazzjoni ma setgħet qatt issir b'mod raġjonevoli, ma jikkonsegwix neċessarjament li l-Medical Panel ġie mqarraq biex jagħmel dik iċ-ċertifikazzjoni abbażi ta' xi ċertifikati foloz. Kif taraha l-Qorti, il-fatt illi l-Medical Panel approva ċ-ċertifikazzjoni tal-imputata bħala persuna gravement disabilitata abbażi taċ-ċertifikati u dokumenti li jiċċertifikawha bħala persuna li tbati mill-kundizzjoni ta' *Duchenne muscular dystrophy*, ifisser li għal xi

[28] Jiġi ribadit illi ma jirriżultax mix-xhieda ta' Dr. Mark Bugeja liema dokumenti l-Medical Panel ibbaża ċ-ċertifikazzjoni tal-kundizzjoni tal-epliessija fuqhom.

raġuni l-Medical Panel abdika mit-twettiq kif imiss tal-funzjonijiet tiegħu u approva l-applikazzjoni mhux għaliex kien neċessarjament ingannat b'ċertifikati foloz, iżda għaliex għamel evalwazzjoni ferm superfiċjali u fuq fuq tad-dokumenti u ċertifikati sottomessi, minflok evalwazzjoni serja u bil-għaqal.

Il-Qorti tqis ukoll li huwa ferm stramb kif Medical Panel li r-rwol tiegħu kien sewwasew l-evalwazzjoni ta' dokumenti u ċertifikati mediċi biex jiġi deċiż jekk dawn jikkostitwixxux prova biżżejjed li l-pazzjent ibati minn kundizzjoni jew marda li tirrientra fid-definizzjoni skont il-liġi ta' diżabilita' severa, u fl-aħħar mill-aħħar bħala mezz ta' assigurazzjoni li l-fondi pubbliċi jintefqu fejn tassew meħtieġ, kien kompost minn tobba li m'humiex speċjalisti f'xi waħda mill-oqsma ta' mediċina li fihom jirrientraw il-kundizzjonjiet li jitqiesu bħala diżabilitajiet severi. Kemm hu hekk, filwaqt li Dr. Taygeta Firman hija 'a general practitioner' Dr. Robert Galea xehed li huwa speċjalizzat fl-avjazzjoni.

Kollox magħdud il-Qorti ma tistax serenament tikkonkludi li t-talba tal-imputata għall-ħlas tal-assistenza għal diżabilita' severa ġiet approvata mid-Direttur minħabba xi egħmil qarrieqi li induċa lit-tobba tal-Medical Panel fi żball dwar l-eliġibbilita' tagħha biex titqies bħala tali, u mhux minħabba inkompetenza jew traskuraġni tat-tobba fuq l-istess Panel jew għaliex ma għamlux xogħolhom sew jew użaw is-setgħat tagħhom b'mod mhux xieraq jew minħabba motivi oħrajn li wassluhom jiċċertifikaw persuna bħala persuna gravement disabilitata irrispettivament mix-xorta ta' marda li ġie ċertifikat li tbati minnha.

Konformement, il-Qorti ma tistax twarrab il-konsiderazzjoni illi jekk tassew id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali ġie żvijat, dan kien konsegwenza ta' inkompetenza jew traskuraġni tat-tobba fil-Medical Panel u l-parir manifestament ħażin u mhux f'loku li ngħata lid-Direttur f'dan il-każ. Kif rajna qabel, id-Direttur għandu jikkonsulta lill-Panel u jfittex il-parir tiegħu qabel jagħti d-deċiżjoni tiegħu biex jibda jħallas l-assistenza għal diżabilita' severa lill-applikant. Għall-Qorti, l-ingann effettiv jinsab fl-evalwazzjoni ħażina jew nuqqas ta' evalwazzjoni tal-Medical Panel u kwindi

fir-rakkomandazzjoni li l-Panel ta lid-Direttur dwar l-imputata, u mhux fid-dokumenti provduti lill-istess Panel in konnessjoni mal-applikazzjoni tal-imputata.

Għaldaqstant, billi mhux ippruvat sal-grad meħtieġ mil-liġi u l-Qorti tirravviża dubju raġjonevoli li d-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali ġie ingannat bil-kundizzjoni medika li ġie ċertifikat fid-dokumenti foloz li jinsabu fil-file tal-imputata, u konsegwentement mhux ippruvat kif imiss li l-ħlasijiet ta' assistenza għal diżabilita' severa ġew perċepiti mill-imputata minħabba li hija ingannat lid-Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u mhux għaliex il-Medical Panel ta parir ħażin lill-istess Direttur, jikkonsegwi li l-Prosekuzzjoni ma seħħilhiex tipprova sodisfaċjentement u lil hinn minn kull dubju raġjonevoli in-ness bejn it-telf patrimonjali u xi ingann adoperat milll-imputata, ma tistax tinstab ħatja tar-reat ta' frodi la taħt l-artikolu 308 u lanqas taħt l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi.

Huwa minnu li l-imputata qed tinsab ħatja li għamlet dikjarazzjoni falza f'dokument maħsub għal awtorita' pubblika bil-għan li tikseb il-ħlas ta' assistenza soċjali, iżda l-Qorti ma tistax twarrab il-fatt li l-provi mediċi kollha jistabbilixxu li l-imputata tassew tbati minn uġigħ fil-muskoli ta' daharha li jimxi għall-estremitajiet inferjuri, liema kundizzjoni hija x'aktarx waħda konġenitali; kienet ilha snin tikkonsulta ma' tabib minħabba l-uġigħ; kienet diġa' fiż-żmien tad-dikjarazzjoni fil-pussess ta' MRI *scan report* li ċċertifika li kellha *lumbro sacral canal stenosis* u *impingement* tan-*nerve roots*; u kienet infurmata li ma hemmx kura għall-kundizzjoni tagħha. Filwaqt li huwa minnu li din il-kundizzjoni m'hijiex *muscular dystrophy* u lanqas m'hija marda jew kundizzjoni li skont l-Att dwar is-Sigurta' Soċjali jitqies bħala disabilita' severa li minħabba fiha l-persuna tkun eliġibbli għall-ħlas ta' assistenza għal disabilita'

severa[29], huwa ppruvat li l-imputata tassew kienet ilha ħafna snin tbati minn uġigħ kroniku li jinterferixxi mal-ħajja kwotidjana tagħha, kienet tfittex kura għand it-tabib tal-familja tagħha, ġiet riferuta għand konsulent kirurġu (Prof. Kevin Cassar[30]) fl-2014, u għamlet MRI scan fl-Isptar fl-2018 li kkostata l-kaġun tal-uġigħ bħala disc narrowing fil-*lumbo sacral canal* u *disc protusion* b'*impingement* tan-*nerve roots*.

Xejn ma jnaqqas mill-fatt li l-imputata tat tagħrif falz lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali meta ppreżentat ċertifikat fasifikat li kienet taf li kien fost id-dokumenti li ġew sottomessi in sostenn tal-applikazzjoni tagħha, iżda l-Qorti tħoss li l-imputata għandha bżonn, iktar minn piena punittiva, sanzjoni ta' natura riformattiva sabiex tifhem u tapprezza li għalkemm tbati minn uġigħ f'daharha u saqajha minħabba kundizzjoni kronika, uġigħ li jinterferixxi mal-attivitajiet ordinarji tagħha ma jħallihiex tgħix ħajja normali, dan ma jiġġustifikax l-egħmil kriminuża tagħha. Fl-istess ħin ħadet in konsiderazzjoni il-fedina penali netta tal-imputata u l-eta' tagħha, u fiċ-ċirkostanzi tqis li piena karċerjarja ma tkunx waħda idonea.

Għaldaqstant, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, in-natura tar-reat u l-karattru tal-ħatja, tqis li ma jkunx spedjenti li tingħata piena u sejra għalhekk toħroġ ordni għal liberazzjoni kondizzjonata għaż-żmien massimu permess mil-liġi.

**Għaldaqstant, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni bin-numru ħamsa (5) u filwaqt li ma ssibx ħtija għar-reati taħt l-artikoli 167, 169, 183, 184, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali addebitati fl-imputazzjonijiet bin-numru 1, 2, 3, 4, 7 u 8, wara li rat l-artikolu 188(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil RITA XIBERRAS ħatja tas-sitt imputazzjoni iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tagħmel ebda reat ieħor fi żmien tliet (3) snin.**

---

[29] Ara rapport Dr. Mario Scerri, Dok. MS.
[30] "*... for investigation of bilateral leg pains on walking*" f'Mejju 2014 – Dok. AB.

**Il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem li jiftiehem sew li jekk tagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 24 tal-Att dwar il-Probation, tordna lil RITA XIBERRAS sabiex tħallas lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali is-somma ta' sbatax-il elf, disa' mija u ħamsa u tletin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€17,935.32), rappreżentanti d-danni sofferti mill-istess Dipartiment b'riżultat tal-kommissjoni tar-reat taħt l-artikolu 188(1) tal-Kodiċi Kriminali.**

**Din l-ordni tista' tiġi infurzata bl-istess mod bħallikieku din ingħatat f'azzjoni ċivili bejn il-ħatja u d-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-ħatja tħallas lir-Reġistratur is-somma ta' €552.50 rappreżentanti l-ispejjeż li ġew imħallsin lill-periti u esperti maħturin fil-proċeduri[31].**

**Għall-fini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[31] Prof. Andrew Borg – Dok. AB.